MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru. 19/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**
**VS**
**SACHA GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sacha Galea ta’ 19 sena, bin Dennis u Doreen nee’ Attard, mwieled Pieta’ 5 ta’ Ottubru 1992 u jirresjedi gewwa l- fond 14, Triq Maqsab, M’Scala u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 475292M;

Talli fl- 1 ta’ Mejju 2011 ghall- habta tan- 12.30pm gewwa Msida b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat- traffiku involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Anthony Catania

213951M u dan waqt li kien qed isuq u/ jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura numru FGW- 308;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------